**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 55** **16 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 16 ta' Jannar 2024 fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri – Kunsillier

Andrew Cassar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Kearon Bruno – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku John Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**55.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 54**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 54, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 54 ġew approvati b'mod unanimu.

**55.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

55.2.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li bħalissa għaddejja korrispondenza dwar ix-xelter fi Triq San Ġorġ. Is-Sindku nfurma li l-entratura in kwistjoni ilha magħluqa u mgħottija snin u l-entratura prinċipali tax-xelter in kwistjoni tinsab fi Triq il-Karmnu. Is-Sindku John Schembri ppropona li l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' dan ix-xelter bil-għan li jiġi restawrat u jibda jintuża għall-attivitajiet storiċi.

**55.3 Xogħlijiet fil-lokalita'**

**55.3.1** Is-Sindku John Schembri nfurma li nbeda x-xogħol fuq it-toroq Ġanni Vassallo u Triq il-Mitħna ta' Caraffa. Dan ix-xogħol qed isir bħala kumpens għat-traffiku li għadda mil-lokalita' waqt ix-xogħlijiet tal-flyover tal-airport.

**55.3.2** Is-Sindku nfurma li l-vann li se jkun qed jintuża mir-residenti wasal u l-Kunsill qed jistenna r-release minn Transport Malta. Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa kif se jkun qed jaħdem dan is-servizz.
Is-SIndku nfurma li huwa mportanti li nhar ta' Tnejn is-servizz jingħata lir-residenti ta' Ħal Farruġ sabiex ikun possibli għalihom jiġu fiċ-ċentru tal-lokalita'. Rigward il-fatt jekk hux se tinħadem rotta jew fuq bażi ta booking, għad trid tiġi deċiża.

**55.4** **Mozzjonijiet**

Wara li ddiskutejt mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv, nipproponi li l-Kunsill japprova l-Performance Bonus tal-impjegati kif ġej:

Uffiċjal fi Skala 10 – 6%
Uffiċjal fi Skala 10 – 6%
Uffiċjal fi Skala 16 – 6%

Nipproponi wkoll li l-Kunsill jirrakkomanda li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv tingħata performance bonus ta' 8% ibbazat fuq ir-rapport imħejji mis-Sindku.

Ivvutaw favur (5) ħames kunsilliera preżenti. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

**55.5** **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

55.5.1 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa jekk il-Kunsill hux konxju mill-bankina ta' Triq Indri Micallef, li tinsab kollha mkissra.

55.5.2 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa meta se jsiru l-parking Spaces fi Triq Wiġi Briffa.

55.5.3 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa kienx hemm żvilupp dwar it-talba għal żieda ta' street lighting fi Triq Victor Caruana.

55.5.4 Il-Kunsillier Frederick Aquilina nfurma lill-membri li kellmuh residenti li jgħixu fi blokka ta' appartamenti fejn qed jallegaw li sabiex jinġabrilhom l-iskart mill-garbage room, mill-kuntrattur tar-Reġjun, qed jiġu mitluba jħallsu xi flejjes. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet li l-amministrattur tal-blokka jibgħat korrispondenza uffiċjali lill-Kunsill sabiex issir verifika mir-Reġjun Nofsinhar.

55.5.5 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa dwar is-servizz tal-Eco Wardens fil-lokalita'. Is-Sindku John Schembri nfurma li anke l-uffiċjali tal-ERA qed iduru, filwaqt li l-Community Police qed jedukaw lir-residenti dwar kif għandhom joħorġu l-iskart ukoll.

55.5.6 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa dwar talba għal lampa ġdida fi Triq il-Ġdida. Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill jinsab f'kuntatt mal-Korporazzjoni Enemalta.

55.5.7 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa hux possibbli li tiżdied pull bar fl-open gym f'Misraħ iż-Żgħażagħ. Is-Sindku nfurma li għandhom jiġabru l-quotes.

55.5.8 Il-Kunsillier Maria Magri staqsieet kienx hemm żviluppi dwar it-traffic Management fi Triq l-Iskola u l-madwar. Is-Sindku John Schembri nfurma li għadu qed jistenna direzzjoni minn Transport Malta.

**55.6 Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

Il-Kunsillier Lucia Massa ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

Il-Kunsillier Maria Magri ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**55.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 7 ta' Frar 2024 fil-5.30p.m.

Konfermati, llum ______________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |